# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti Istruttorja

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Seduta tal-10 ta' Mejju, 2022

**Il-Pulizija**
**(Spettur Silvio Magro)**
**vs**

**Francesco Lopotcaro**

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, **Francesco Loporcaro**, iben Donato u Orsola Lomunro, imwieled nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u wiehed u sebghin (1971), gewwa Bari l-Italja, residenti erbgha (4), "St Jude", Triq il-Gdida, Paola, bil-karta tal-identitànumru 0060942A:

Talli nhar it-tletin (30) ta' Gunju tas-sena elfejn u sbatax (2017) bejn is-siegha (1:00 am) u s-saghtejn (2:00 am) ta' fil-ghodu, gewwa Agenda (departures hall) tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, ikkommetta serq ta' flus kontanti liema serq ma jeccedix elfejn tliet mija disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' persuna ta' nazzjonalità Brittanika (Matthew Witt), liema serq hu kkwalifikat bil-hin u dan ai termini tal-Artikoli 270 u 281 (a) ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli sab xi haga mobbli li ma tkunx tezor, minghajr ma radda lill-pussessur taghha ta' qabel, jekk kien maghruf, inkella minghajr dewmien, ma ghaddejtiex f'idejn il-Pulizija u dan ai termini tal-Artikoli 564 (1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ntalbet sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu ma' hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Waqt is-seduta tat-12 ta' Ottubru 2017, l-Imputat informa lil din l-Onorabbli Qorti li huwa jifhem l-ilsien Malti u ghalhekk il-proceduri saru bil-lingwa Maltija.

Semghet lix-xhud prodott mill-Prosekuzzjoni PC 1312 Hadrian Sultana li pprezenta s-segwenti Dok. HS 1 li jikkonsisti f'CD, l-okkorenza mmarkata bhala Dok. HS 2 u ricevuta mmarkata Dok. HS 3.

Fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2019, il-Prosekuzzjoni dwar id-diffikultà biex jingieb is-Sur Matthew Witt sabiex jixhed dwar il-kaz. Fil-fatt, dan ix-xhud baqa' qatt ma gie prodott.

L-Imputat ghazel li jixhed fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2012..

IKKUNSIDRAT:

Dan il-kaz jitratta allegazzjoni ta' serq u / jew sebja ta' oggett, f'dan il-kaz kartiera, li ma gietx ritornata.

PC 1312 Hadrian xehed u pprezenta bil-gurament Dok. HS 1 li jikkonsisti f'CD, l-okkorenza mmarkata bhala Dok. HS 2 u ricevuta mmarkata Dok. HS 3.

Il-kwerelant, Matthew Witt ma xehedx.

L-imputat xehed li huwa kien jahdem l-ajruport bhala cleaner mal-linjja tal-ajru Ryanair. Maltul il-break tieghu huwa mar jixtri s-sigaretti mill-magna tas-sigaretti li tinsab fl-istabbiliment bl-isem Agenda. Fuq il-magna tas-sigaretti ra kartiera u gabarha u kellu l-intenzzjoni li jiehodha l-Information u zamm il-kartiera fuqu sakemm isib il-hin biex imur ipoggiha l-Information. Kemm-il darba sab kartieri. Huwa hareg iprjjep u nesa li kellu fuqu l-kartiera. Fil-ghodu kellmuh il-Pulizija u tahom il-kartiera.

Huwa qal li rritorna l-kartiera b'kull ma kellha fiha. Rigward jekk kienx fiha flus kontanti huwa qal li lanqas kein hemm ghaxar Euro (€10).
IKKUNSIDRAT

Din l-Onorabbli Qorti, minn ezami rett tal-att kollha pprezentati lilha, tirrileva li n-nuqqas tax-xiehda tal-kwerelant Matthew Witt, li kien mehtieg li jikkonferma quddiem din l-Onorabbli Qorti bil-gurament tieghu li l-kartiera de quo kienet tieghu u x'kien il-kontenut tal-istess kartiera, iwassal biex jigi dikjarat li l-Prosekuzzjoni ma waslitx biex tipprova l-akkuza ta' serq sal-livell li trid il-Ligi penali anzi kif jidher a fol. 39 il-Prosekuzzjoni nnifisha rreferiet ghad-dubbju ta' kemm verament kellu flus fil-kartiera l-kwerelant, jekk kellu, u ghalhekk, sejra tillibera lill-Imputat mill-ewwel akkuza.

Alternativament, l-Imputat kien gie akkuzat li ma onorax l-obbligu tieghu kif irid l-Artikolu 564 (1) tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) li jipprovdi li gej:-

"*Min isib haga mobbli li ma tkunx tezor, ghandu jrodd lill-possessur taghha ta' qabel, jekk ikun maghruf: inkella minghajr dewmien ghandu jaghtiha f'idejn il-Pulizija*."

Fl-okkorrenza a fol. 9 l-Akkuzat hu rrapurtat li stqarr mal-Pulizija li kien sab il-kartiera u nesa jroddha. Huwa raddha lill_pulizija u qalilhom li l-kartiera kienet inzammet kif kien sabha. Issa, skont l-Artikolu 340

L-Artikolu 340 (c) tal-Kodici Kriminali (tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta), l-Akkuzat kellu tlett ijiem biex jghaddi l-kartiera lill-Pulizija Ezekuttiva, kif gej:-

"*340. Huwa hati ta' kontravvenzzjoni kontra l-proprjetà, kull min -*

(ċ) meta jsib ħwejjeġ li jkunu naqsu lil xi persuna jew li din tkun tilfet, ma jgħarrafx bihom, fi żmien tlitt ijiem,lill-Pulizija Eżekuttiva;… ."

Din il-Qorti kellha l-opportunitàli tisma' viva voce lill-Imputat li baqa' konsistenti ma' dak li kien stqarr a tempo vergine jigifieri li kien sab il-kartiera izda nesa jroddha peress li kien mar lura ghax-xoghol wara li kien pejjep barra l-ajruport. Ma ngiebet ebda prova ta' intenzzjoni kuntrarja u cioè li l-Imputat kien ghamel il-hsieb li jzomm il-kartiera ghalih innifsu. Huwa ma cahadx mal-Pulizija Ezekuttiva li kien sab il-kartiera u taha lill-

istess Pulizija minnufih fi ftit sieghat. Barra l-fatt li t-tlett ijiet kienu ghadhom ma skadewx. Ghalhekk, tenut kont ta' dan kollu, din il-Qorti a ssibx lill-Imputat hati tat-tieni akkuza u sejra tilliberah.

Decide:

Ghal dawn il-motivi, wara li rat l-Artikoli 270 u 281 (a) u l-Artikolu 340 (c) tal-Kap. 9, tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikolu 564 (1) tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal- Ligijiet ta' Malta, il-Qorti, ma issibx lill-akkuzat hati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni u tilliberah minn kull akkuza.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**